MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 1544/2002

***Stephen Micallef f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' Fire and Security Engineering***

***vs***

***Ramazan Ertugrul***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et.nomine s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rappresentanti l-hlas ta' l-import ta' tnejn u tletin (32) kambjala migbuda u accettati mill-konvenut, skaduti u mhux imhallsa u dana kif jirrizulta mill-kambjali esibiti ma' l-avviz u mmarkati

bhala Dokumenti A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T, U, V, W, X, Y, Z, A1, B1, C1, D1, E1, u F1.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 2002 u tal-Mandat ta' Qbid numru 1389/02JV kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800).

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 2002 u tal-Mandat ta' Qbid 1389/02JV ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------